MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 2/2006

**Elizabeth u Kenneth Dimech Ghirxi**

**vs**

**Alamango Bridal Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Dicembru, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-23 ta' Mejju 2005 fejn ir-Rikorrenti talbu danni ta' sitt mija u sitta u tletin Lira Maltin (Lm636) rapprezentanti xoghol hazin fuq libsa ta' tieg maghmula ghar-Rikorrenti.

L-intimati pprezentaw Risposta ghal din it-talba u attendew ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimati li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienu ordnaw libsa tat-tieg u meta r-Rikorrenti marret tippruvaha kienet tajba pero` meta waslet ghat-tieg kienet twila u wiesgha u ghalhekk kellha tnehhi xi affarijiet.

2. L-intimat issottometta li ppruvat ezatt qabel ma kellha t-tieg u ghalhekk kienet tajba.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li r-Rikorrenti ppruvatha ezatt qabel it-tieg u qed jaraha difficli kif ftit jiem wara l-istess underskirt kien twil u wiesgha. Min-naha l-ohra t-Tribunal ihoss li din hija verament gurnata important u dawn in-nuqqasijiet m' ghandhomx isiru.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' it-talba tar-Rikorrenti limitatament ghad-danni morali u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Il-kontestazzjoni principali tas-socjeta` konvenuta fir-rigward tas-sentenza appena riprodotta hi dik illi t-Tribunal adit ma kellux jikkundannaha ghall-hlas ta' danni morali gjaladarba hu stess ma accettax it-tezi ta' l-atturi illi x-xoghol prestat minnha kien inadattat u hazin;

Bhala fatt, l-azzjoni esperita mill-atturi hi wahda ghar-rizarciment ta’ danni, materjali u morali, in kwantu, kif allegat fl-ittra tal-konsulent legali taghhom tal-21 ta’ Marzu 2005, “*she was given the wrong underskirt*” flimkien mal-libsa tat-tieg u dan ikkrejalha skonfort kbir u rrovinalha t-tieg. Kontra din l-akkuza, is-socjeta` konvenuta ddefendiet ruhha bl-eccezzjoni illi l-attrici pprovat il-libsa u kienet sodisfatta minnha, b’ dan ukoll illi l-*underskirt* gie offrut lilha volontarjament u l-attrici ma hallset ebda korrispettiv ghall-uzu tieghu;

Dan premess, hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi, thares minn fejn thares lejha, is-sentenza appellata tippekka minn diversi aspetti. Principalment, fuq dawn it-tliet livelli:-

(1) Il-kontradizzjoni evidenti bejn il-parti razzjonali u l-parti deciziva taghha;
(2) In-nuqqas ta’ ness guridiku bejn l-att jew ommissjoni da parti tas-socjeta` konvenuta u l-event allegatament dannuz;
(3) Id-danni morali;

Fil-kaz ta’ l-ewwel element jinsab affermat fid-decizjoni “**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd**)”, Appell mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi, 9 ta’ Lulju 1999, fuq l-interpretazzjoni li dik il-Qorti akkordat lill-Artikolu 23 (2) (d) ta’ l-Att Numru XXVIII ta’ l-1994, illi fl-ghoti tad-decizjoni mit-Tribunal kellu ikun hemm rabta logika bejn il-motivazzjoni u dik id-decizjoni. Issokta jigi precizat illi “jekk tali rabta ma tkunx tirrizulta jew dak li hu aghar, jekk tali rabta tkun tirrizulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali, allura jkun jonqos element essenzjali tad-decizjoni. Nuqqas li jinficja u jinvalida d-decizjoni”;

L-enuncjazzjoni appena espressa u riprodotta tadatta ruhha perfettament ghall-kaz in kwestjoni. Dan ghar-raguni illi filwaqt li jidher manifest illi t-Tribunal sab, fuq il-fatti akkwiziti, elementi li jissufragaw l-eccezzjonijiet tas-

socjeta` appellanti, eppure fil-parti operativa tad-decizjoni tieghu huwa deherlu li kellu jikkundanna lil din is-socjeta`, anke jekk limitatament ghad-danni morali. Decizjoni mpustata f' dawn it-termini hi dikjaratament *non sequitur* u ghandha tigi ritenuta nulla u bla effett fil-ligi. Jikkonsegwi illi skond it-termini ta' l-Artikolu 22 (2) ta' l-Att imsemmi (Kapitolu 378) din il-Qorti ghandha tghaddi biex tiddeciedi hi l-kawza fuq ir-rizultanzi istruttorji;

Kif inhu maghruf l-inadempiment kontrattwali li minnu jitnissel id-dannu hu kostitwit jew minn nuqqas ta' ezekuzzjoni, jew mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni jew, ukoll, minn ezekuzzjoni inezatta, negligenti u traskurata. Fil-kaz in ispeci ma hemmx kuntrast illi l-adempiment inkombenti fuq is-socjeta` appellanti sar, izda imbaghad l-atturi jilmentaw li dan ma sarx sew. Innegabilment, l-oneru tal-prova ta' l-ezekuzzjoni hazina jaggrava fuq l-atturi. Huma htiegilhom jippruvaw illi s-socjeta` appellanti ommettiet fl-ezekuzzjoni taghha l-isforz ta' dik id-diligenza generali tal-*bonus paterfamilias* li jippreciza l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili. Naturalment, dan fis-sens ta' *diligentia in abstracto* u mhux *quam suis* ghal dak li ugwalment is-socjeta` konvenuta taghmel fl-ezekuzzjoni ta' l-affari taghha;

Oggettivament, il-fatti jiddemostraw assenza ta' kolpa fis-socjeta` appellanti. Dan fir-raffront bejn l-imgieba taghha fl-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni minnha assunta u l-mudell ta' dik id-diligenza prefissata mil-ligi u ghal liema ghadu kemm sar accenn. Il-korredo nuzzjali gie ezegwit skond kif appattwit, saret mill-attrici l-prova tieghu u gie minnha approvat. F' dawn ic-cirkustanzi jonqos in-ness ta' kawzalita` bejn il-kolpa addebitata u l-allegati danni;

Biex jinghad kollox, imbaghad, din il-Qorti ma tarax kif, fil-fattispeci, jistghu jikkonfiguraw ruhhom id-danni morali, anke jekk l-Att jipprovdi dwarhom fl-Artikolu 21 (2) tieghu. Danni bhal dawn jizvolgu funzjoni prevalentament punittiva u huma in fatti kwalifikati bhala *pretium doloris* ghal min issubixxa tbatijiet morali derivanti minn fatti

partikolarment offensivi, li mhux il-kaz hawnhekk. Dan mhux biss ghaliex l-*underskirt* li dwaru tillanja l-attrici gie offrut lilha gratuwitament imma wkoll ghaliex fil-kwadru ta' l-elementi tal-provi, gudizzjalment akkwiziti, ma gie minn imkien stabbilit jew ipprovat, b' mod konvincenti u konkluziv, ir-rapport ta' kondotta kolpuza fis-socjeta` konvenuta ma' l-event dannuz. Dan la fil-konkret u wisq anqas fl-astratt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u konsegwentement thassar s-sentenza appellata in bazi ghall-konsiderazzjonijiet superjorment dedotti. It-talba ta' l-atturi qeghda tigi ghalhekk rigettata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------